MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2033/2003

**Datatrak Systems Limited**

**vs**

**Windsor Garage Car Leasing Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm252.89) rapprezentanti l-hlas dovut fuq 'Monitoring Fee' u l-kiri ta' AVL Equipment provdut mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 1 ta' Settembru 2003 u bl-imghaxijiet mid-dati tal-hrug tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra l-ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm252.89), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------